# Il-Ħadd 28.11.2021

**1.** Illum 28/11, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
***Nagħtu bidu għal Sena Liturġika ġdida***
- Fil-quddies isir it-Tberik tal-Girlanda
  li tgħinna nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.
- Fid-9:00am - Quddiesa speċjali li fiha nistiednu lill-familji bi tfal u adoloxxenti.

N.B. Matul dan iż-żmien hawn fil-knisja kif tistgħu taraw, ser ikollna *The Prayer & Charity Tree* jiġifieri Siġra ta' Talb u Karità li magħha tistgħu iddendlu xi talb miktub u li jinqara f'xi quddies tal-Ħdud, u li taħtha ser inpoġġu xi qfief biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna u rigal lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nitolbu u nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna speċjalment f'dawn iż-żminijiet, u li permezz ta' dawn il-ġesti nuru li tassew ħajjin fil-Mulej.

2. Il-Ġimgħa 3/12, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
- Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
- Fis-5:45pm - Qrar.
- Fis-6:30pm - Quddiesa.
- Fis-7:00pm - Adorazzjoni.

3. Il-Ħadd 5/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**

4. Avviżi oħra:
- Mill-Ħamis 2/12 sal-Ħadd 5/12, fejn il-bieb tal-knisja, ser ikun hemm min ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja. Napprezzaw kull koperazzjoni.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
- € 135 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda b'risq il-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja;
- € 330 mill-Lotterija b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
- € 70 bħala donazzjonijiet b'risq l-istess għan;
- Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

6. Nitolbu għal Ninu Agius li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...